

**LINJA GWIDA (UE) 2016/66 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tas-26 ta' Novembru 2015****li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2013/24 dwar l-obbligi ta' rappurtar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (BĊE/2015/40)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b' mod partikolari l-Artikolu 5.1 u 5.2, u l-Artikoli 12.1 u 14.3 tiegħu,

Billi:

- (1) It-tnaqqis tal-perijodu ta' rappurtar għal dejta supplimentari bi tlett ijiem, li għandu japplika mill-ewwel trasmissjoni fl-2017 taħt il-Linja Gwida BĊE/2013/24 <sup>(1)</sup>, issa mhux ser ikun meħtieġ minħabba bidliet fl-iskeda tal-lagħat tal-Kunsill Governattiv. Għal aktar effiċjenza, deċiżjonijiet dwar it-tnaqqis tal-perijodi tar-rappurtar biex jiġu kkunsirati bidliet fl-iskeda li jstgħu jsiru fil-futur għandhom jiġu ddelegati lill-Bord Eżekuttiv, li għandu jikkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Istatistika (KST).
- (2) Barra minn hekk, ir-reqwiziti ta' dejta supplimentari stipulati fil-Linja Gwida BĊE/2013/24 għandhom jiġu mmodifikati sabiex jinkludu selfiet bejn korporazzjonijiet mhux finanzjarji, fuq bażi volontarja, biex jittejjbu l-kopertura u l-kwalità tal-aggregati taż-żona tal-euro.
- (3) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2013/24 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

**Artikolu 1****Emendi**

Il-Linja Gwida BĊE/2013/24 hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Ir-reqwiziti tad-'dejta supplimentari' għandhom ikopru tranżazzjonijiet u stokks għall-perijodu mill-aħħar trimestru tal-2012 sat-trimestru ta' referenza. Dik id-dejta supplimentari għandha tiġi rrapportata fuq il-bażi tal-aħħar stima. Ir-reqwiziti ta' dejta supplimentari speċifikati fil-kolonna 'H', 'H.1' u 'H.2' tat-Tabelli 1, 2, 4 u 5 tal-Anness I (dejta supplimentari li tirreferi għas-settur tal-gvern u s-subsetturi tiegħu), u fil-kolonna 'B', ringieli 3 u 13, tat-Tabelli 4 u 5 tal-Anness I (dejta supplimentari li tirreferi għal selfiet bejn korporazzjonijiet mhux finanzjarji) għandhom jiġu rrapportati fuq bażi volontarja.";

2. fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Id-'dejta supplimentari' deskritta fl-Artikolu 2(2) għandha tiġi rrapportata lill-BĊE fi żmien perijodu li m'għandux jeċċedi 85 jum tal-kalendarju wara tmiem it-trimestru ta' referenza. Il-Bord Eżekuttiv jista' jnaqqas din l-iskadenza għal 82 jum, jekk xieraq, billi jikkunsidra l-fehmiet tal-KST. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv bid-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien żejjed. Il-BĊE għandu jħabbar kwalunkwe bidla fil-perijodu ta' rappurtar ta' mill-inqas sena qabel id-data ta' implimentazzjoni.";

3. L-Anness I huwa emendat skont l-Anness ta' din il-Linja Gwida.

<sup>(1)</sup> Linja Gwida 2014/3/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Lulju 2013 dwar ir-reqwiziti ta' rapportaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (BĊE/2013/24) (ĠU L 2, 7.1.2014, p. 34).

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita taghom hija l-euro.
2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Jannar 2016.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-26 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---

L-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2013/24 huwa emendat kif ġej:

1. It-Tabella "Sommarju ta' rekwiżiti ta' dejta" hija ssostitwita b'dan li ġej:

**"Sommarju ta' rekwiżiti ta' dejta"**

Art.	Kontenut	Tabelli	Tip ta' dejta			Perjodu ta' referenza	L-ewwel data ta' rapportar	Tempestività	Osservazzjonijiet
			Stokks	Transazzjonijiet	Bidliet oħra fil-volum				
2.2 4.1	Dejta supplimentari; kaxxi b'kulur iswed biss	T1 – attiv T2 – passiv T4 – self għal żmien qasir (w-t-w) T5 – self għal żmien twil (w-t-w)	✓	✓		2012T4 'l quddiem	Sett2014	t + 85	— L-aħjar stimi — Kaxxi b' kulur iswed fil-kolonni H, H.1 u H.2 fuq bażi volontarja — Kaxxi b' kulur iswed fil-kolonna B, ringieli 3 u 13, ta' T4 u T5 fuq bażi volontarja
2.3(a) 2.5 3.2 3.3(a), (b) 4.2	Dejta nazzjonali; il-kaxxi kollha	T1 – attiv T2 – passiv T3 – depożiti (w-t-w) T4 – self għal żmien qasir (w-t-w) T5 – self għal żmien twil (w-t-w)	✓	✓	✓	2012T4 'l quddiem	Sett2014	Sa Diċembru 2016: t + 100 Minn Marzu 2017 'il quddiem: t + 97	— Akkompanjata minn metadejta — dejta fir-ringieli 12-21 ta' T3-T5 għandha tiġi aġġustata biex tirrifletti l-kompożizzjoni taż-żona tal-euro; bażi tal-aħjar stima — id-dejta fir-ringieli 12-21 ta' T3-T5 m'għandhiex tiġi ppubblikata
2.3(b) 2.5 3.2 3.3(c) 4.2	Dejta nazzjonali; il-kaxxi kollha	T1 – attiv T2 – passiv T3 – depożiti (w-t-w) T4 – self għal żmien qasir (w-t-w) T5 – self għal żmien twil (w-t-w)	✓	✓		1999T1-2012T3	Sett2017	Sa Diċembru 2016: t + 100 Minn Marzu 2017 'il quddiem: t + 97	— L-aħjar stimi — kolonni J, K ta' T1 u T2 fuq bażi volontarja — Akkompanjata minn metadejta — dejta fir-ringieli 12-21 ta' T3-T5 għandha tiġi aġġustata biex tirrifletti l-kompożizzjoni taż-żona tal-euro; bażi tal-aħjar stima — id-dejta fir-ringieli 12-21 ta' T3-T5 m'għandhiex tiġi ppubblikata



Settur tal-kreditur
Settur tad-debitur

A	B	C	D	E	F	G	H	H.1	I
Residenti									
Total	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	MFI's (²) (S.121 + ... + S.123)	Fondi ta' investiment mhux MMF (³) (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125 + ... + S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjonijiet (S.129)	Gvern ġenerali Total (S.13)		Unitajiet domestiċi, inklużi NPISHs (⁴) (S.14 + S.15)
							Gvern ċentrali (S.1311)		

8		S.129							
9		S.13							
10		S.14 + S.15							
11	Total (S.2)								
12	Total (S.1)								
13	S.11								
14	S.121 + ... + S.123								
15	S.124								
16	S.125 + ... + S.127								
17	S.128								
18	S.129								
19	S.13								
20	S.14 + S.15								
21	Residenti barra ż-żona tal-euro								

(¹) Ir-rekwiżiti ta' dejta għal stokks, tranżazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.


(²) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (MFI's; S.121 + S.122 + S.123). Skont l-ESA 2010 (paragrafu 5.118) selfiet għal żmien qasir mogħtija lil korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti (S.121 + S.122) għandhom jioġu kklassifikati bħala depożiti (F.22 jew F.29).

(³) Fondi tas-suq monetarju (MMF's; S.123).

(⁴) Istituzzjonijiet mhux għal profitt li jservu lil unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15).".

“Tabella 5

Selfjet fit-tul (F.42) <sup>(1)</sup>



A	B	C	D	E	F	G	H	H.1	I
Residenti									
Total	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	MFIs <sup>(2)</sup> (S.121 + ... + S.123)	Fondi ta'investiment mhux MMF <sup>(3)</sup> (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125 + ... + S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-penzjoni (S.129)	Gvern ġenerali		Unitajiet domestiċi, inklużi NPISHs <sup>(4)</sup> (S.14 + S.15)
							Total (S.13)	Gvern ċentrali (S.1311)	

1	Total (S.1)								
2	Total (S.1)								
3	S.11								
4	S.121 + ... + S.123								
5	S.124								
6	S.125 + ... + S.127								
7	S.128								
8	S.129								
9	S.13								
10	S.14 + S.15								
11	Total (S.2)								
12	Total (S.1)								
13	Mhux residenti	Żona tal-euro min-barra domestiċi	S.11						
14			S.121 + ... + S.123						

	A	B	C	D	E	F	G	H	H.1	I
Settur tal-kreditur Settur tad-debitur	Residenti									
	Total	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	MFI's <sup>(2)</sup> (S.121 + ... + S.123)	Fondi ta'investiment mhux MMF <sup>(3)</sup> (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125 + ... + S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-penzjoni (S.129)	Total (S.13)	Gvern ġenerali Gvern ċentrali (S.1311)	

15			S.124							
16			S.125 + ... + S.127							
17			S.128							
18			S.129							
19			S.13							
20			S.14 + S.15							
21		Residenti barra ż-żona tal-euro								

<sup>(1)</sup> Ir-rekwiżiti tad-dejta għal stokks, tranżazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.

<sup>(2)</sup> Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI's; S.121 + S.122 + S.123).

<sup>(3)</sup> Fond tas-suq monetarju (MMF; S.123).

<sup>(4)</sup> Istituzzjonijiet li ma jaġhmlux profitti li jservu lil unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15).".